

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 131/2012

tal-15 ta' Frar 2012

li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni taż-żejt tal-ħlewwa, iż-żejt tal-lumi b'ċerti ħxejjex aromatiċi u ħwawar immnixfin bħala addittiv fl-għalf għall-ħnienes miftuma (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Delacon Biotechnik GmbH)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fin-nutrimet tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' awtorizzazzjoni bħal din.
- (2) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni taż-żejt tal-ħlewwa, iż-żejt tal-lumi b'ċerti ħxejjex aromatiċi u ħwawar immnixfin. Dik l-applikazzjoni kienet akkumpanjata mill-partikolaritajiet u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (3) L-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni taż-żejt tal-ħlewwa, iż-żejt tal-lumi b'ċerti ħxejjex aromatiċi u ħwawar immnixfin, kif speċifikat fl-Anness bħala addittiv fl-għalf għall-ħnienes miftuma, biex tiġi kklassifikata fil-kategorija tal-addittivi "addittivi zootekniki".
- (4) Fl-opinjoni tagħha tas-7 ta' April 2011 <sup>(2)</sup>, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li skont il-kundizzjonijiet ta' użu proposti, il-preparazzjoni taż-żejt tal-ħlewwa, iż-żejt tal-lumi b'ċerti ħxejjex aromatiċi u ħwawar immnixfin, kif speċifikat fl-Anness, ma għandhiex effett negattiv fuq is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent, u li l-użu tagħha jista' jtejjeb ir-rata tat-tkabbir tal-ħnienes miftuma. L-Awtorità tqis li wara t-tqegħid fis-suq ma hemmx bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ. Din ivverifikat ukoll ir-

rapport dwar il-metodu ta' analiżi tal-addittiv fl-għalf imressaq mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

- (5) Sabiex jiġu żgurati l-effikaċja u s-sikurezza u l-konformità mal-karatterizzazzjoni pprovduta mill-applikant għas-sustanzi attivi, il-livelli massimi ta' sustanzi naturali stabbiliti fl-Anness III, il-Parti B, tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91, ir-Regolamenti (KE) Nru 2232/96 u (KE) Nru 110/2008 u d-Direttiva 2000/13/KE <sup>(3)</sup>, għandhom jiġu rispettati fir-rigward tal-ħxejjex aromatiċi u ħwawar immnixfin użati fil-preparazzjoni, kif speċifikat fl-Anness, u l-karatterizzazzjonijiet tal-prodott stabbiliti fil-Farmakopea Ewropea għandhom japplikaw għaż-żejt tal-ħlewwa u ż-żejt tal-lumi, rispettivament.
- (6) Il-valutazzjoni tal-preparazzjoni taż-żejt tal-ħlewwa, iż-żejt tal-lumi u ċerti ħxejjex aromatiċi u ħwawar immnixfin, kif speċifikat fl-Anness, turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma sodisfatti. Għaldaqstant, l-użu ta' din il-preparazzjoni għandu jiġi awtorizzat kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tappartjeni għall-kategorija tal-addittivi "addittivi zootekniki" u għall-grupp funzjonali "addittivi zootekniki oħra", hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutrimet tal-annimali, suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

<sup>(2)</sup> EFSA Journal 2011; 9(4):2139.

<sup>(3)</sup> ĠU L 354, 31.12.2008, p. 34.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Frar 2012.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
José Manuel BARROSO

---

In-numru tal-identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	L-addittiv	Il-kompożizzjoni, il-formula kimika, id-deskrizzjoni, il-metodu analitiku	L-ispeċi jew il-kategorija tal-annimal	L-età massima	Il-kontenut minimu	Il-kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmien il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						mg tal-addittiv/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 %			
<b>Il-kategorija tal-addittivi zootekniki. Grupp funzjonali: addittivi zootekniki oħra (titjib fil-parametri tar-rendiment)</b>									
4d6	Delacon Biotechnik GmbH	Il-preparazzjoni taż-żejt tal-ħlewwa, iż-żejt tal-lumi bi ħxejjex aromatiċi u ħwawar imnixx-fin	<p><i>Il-kompożizzjoni tal-addittiv</i></p> <p>Il-preparazzjoni taż-żejt essenzjali &gt; 1,5 % (iż-żejt tal-ħlewwa ≥ 0,75 % u ż-żejt tal-lumi ≥ 0,75 %)</p> <p>— Ħxejjex aromatiċi u ħwawar imnixx-fin: 50 %</p> <p>— Sustanzi trasportaturi: q.s. 100 %</p> <p><i>Karatterizzazzjoni tas-sustanzi attivi u ingredjenti oħra</i></p> <p>— żejt tal-ħlewwa: d-carvone 3,5-6,0 mg/g, kif definit mill-Farmakopea Ewropea <sup>(1)</sup>;</p> <p>— żejt tal-lumi: limonene 2,3-9,0 mg/g, kif definit mill-Farmakopea Ewropea.</p> <p>Ħxejjex aromatiċi u ħwawar imnixx-fin:</p> <p>Imsiemer tal-qronfol fi trab 1,5 %, kannella fi trab 10 %, noċemuskata fi trab 1,5 %, basal fi trab 5 %, piment fi trab 2 %, qoxra tal-larinġ fi trab 5 %, peppermint fi trab 12,5 % u kamomilla fi trab 12,5 %.</p> <p>Il-livelli massimi stabbiliti fil-Parti B tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 għandhom jiġu rispettati fir-rigward tal-ħxejjex aromatiċi u ħwawar imnixx-fin użati fil-preparazzjoni.</p> <p>Il-karatterizzazzjonijiet tal-prodott stabbiliti fil-Farmakopea Ewropea għandhom japplikaw għaż-żejt tal-ħlewwa u ż-żejt tal-lumi użati fil-preparazzjoni.</p> <p><i>Metodu tal-Analiżi</i> <sup>(2)</sup></p> <p>Determinazzjoni tal-carvone: kromatografija b'fażi gassuża/spettrometrija ta' massa (GC/MS) fil-monitoraġġ ta' joni uniċi</p>	Ħnienes (miftuma)	—	250	400	<p>1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlita lesta minn qabel, indika t-temperatura għall-ħażna, kemm żmien tista' tinżamm il-ħażna, u l-istabbiltà għall-pelleting.</p> <p>2. Għall-użu fi ħnienes miftuma sa madwar 35 kg.</p> <p>3. Għas-sikurezza: waqt l-immaniġġjar għandhom jintużaw protezzjoni għan-nifs u ingwanti.</p> <p>4. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf kompost f'forma ta' taħlita lesta minn qabel.</p>	is-7 ta' Marzu 2022

<sup>(1)</sup> Il-Farmakopea Ewropea tal-Kunsill tal-Ewropa.

<sup>(2)</sup> Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi huma disponibbli fuq is-sit ta' hawn taħt tal-Laboratorju ta' Referenza: [http://irmm.jrc.ec.europa.eu/EURLs/EURL\\_feed\\_additives/Pages/index.aspx](http://irmm.jrc.ec.europa.eu/EURLs/EURL_feed_additives/Pages/index.aspx)